# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 13 ta' Jannar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 55 /21 JPG**
**Kawza nru.: 15**

**SM**
**Vs**
**DS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SM datat 12 ta' Frar 2021, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri, ES fl-X u giet rikonoxxuta mill-konvenut bhala missierha u liema minuri llum ghandha X snin, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';*

2. *Illi r-rikorrenti flimkien ma' bintha minuri ghexu mal-genituri tar-rikorrenti ghal madwar tliet snin u nofs mit-twelid ta' ES , sakemm il-partijiet bdew jghixu flimkien ma' binthom fir-residenza tal-konvenut;*

3. *Illi llum wara li tali relazzjoni spiccat minhabba l-komportament stinat u abbuziv tal-missier, ir-rikorrenti ma kellha ebda triq ohra hlief li tirritorna lura ghand il-genituri taghha, madanakollu sfortunatament, fuq insistenza tal-konvenut it-tifla tal-partijiet*

*kienet kostretta li tibqa' tirrisjedi ma' missierha u mas-siehba l-gdida tieghu u t-tifel taghha ta' Y snin, fl-istess residenza tal-konvenut;*

4. *Illi r-residenza tal-genituri tar-rikorrenti hija mhux biss adegwata sabiex tghix fiha r-rikorrenti, izda hija idonea u fl-ahjar interess tal-minuri u dan ghaliex mhux biss tkun migbura ma' ommha u ma' ohtha l-kbira izda tkun fir-residenza li trabbiet fiha l-istess minuri;*

5. *Illi l-partijiet ilhom iktar minn sena jippruvaw jaslu ghal ftehim konsenswali li jirregola l-kura u l-kustodja, ir-residenza u d-domicilju, il-manteniment, l-access u aspetti ohra li jirrigradaw lill-minuri, izda dan minghajr success u ghall-kuntrarju, it-tensjoni bejn iz-zewg partijiet zdiedet tant li r-rikorrenti kellha tintavola dawn il-proceduri.*

6. *Illi fil-pendenza tal-medjazzjoni r-rikorrenti effettivament cediet kwazi kollox bi bwona fede sabiex tikkalma u tippacifika s-sitwazzjoni mal-konvenut, u sahansitra qieghda tipprovdi finanzjarjament ghall-bintha minkejja t-tfixkil li qed johloq il-konvenut u dan ghaliex temmen bi shih illi hija ghandha tkun aktar partecipi fil-hajja ta' bintha b'kull mezz possibli.*

7. *Madanakollu, l-istess konvenut baqa' jadotta triqat abbuzivi, malizzjuzi u vendikattivi fil-konfront tar-rikorrenti, b'dan illi sahansitra jxewwex lil binthom minuri kontra ommha, ir-rikorrenti;*

8. *Illi ghalkemm ir-rikorrenti qatt ma sfurzat lil bintha sabiex tmur tirrisjedi maghha, ir-rikorrenti hija ferm ikkoncernata mill-komportament tal-konvenut li, bhalma dejjem kien, irid izomm ferm mal-pozizzjoni tieghu, akkost ta' kollox, anki jekk mhux fl-interess ta' bintu u sahansitra kemm –il darba uza tattici sabiex jipprova jaljena lill-minuri minn ma' ommha u dan kif jista' jigi ampjament ippruvat fil-mori;*

9. *Illi l-konvenut mhux qieghed ikun konsistenti mar-rikorrenti fir-rigward tal-access u kif ukoll fid-decizjonijiet li jirrigwardjaw il-kura, il-kustodja is-sahha u l-edukazzjoni*

*tal-imsemmija minuri u dan bi pregudizzju kemm ghar-rikorrenti u ghall-minuri u kif ukoll ghar-relazzjoni ta' bejniethom;*

10. *Illi din l-attitudni qieghda wkoll timmanifesta ruhha fil-hajja tal-minuri fis-sens illi l-minuri qieghda tkun imcahhda diversi drabi minn ommha u din qed tikkaguna pregudizzju serju fuq l-istess minuri ghaliex minkejja li ghad ghandha X snin, tista' tifhem u thoss, u bdiet anke tbati minn problemi ta' sahha li potenzjalment huma relatati ma' stress kawza ta' dan l-inkwiet li qieghed jaqla' l-konvenut b'ghazla u b'pika, izda minghajr bzonn;*

11. *Illi barra minn dan il- minuri tinsab f'eta' tenera mmens u ghalhekk tali tensjoni bejn il-partijiet, li qed tkun unikament ikkawzata mill-konvenut, qed tkun ta' detriment qawwi ghall-minuri, kemm fizikament kif ukoll psikologikament u emozzjonalment, tant li minkejja li mbezza' minn missierha, ES xorta wahda turi lil ommha li hi mdejqa bit-tensjoni ta' bejniethom u kif ukoll li thoss ferm in-nuqqas taghha;*

12. *Illi minhabba l-agir irregolari u intrasigenti tal-konvenut, ir-rikorrenti hasset li ghandha tigi regolata r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti fir-rigward tal-minuri u dan fl-ahjar gid tal-minuri u filfatt niedet proceduri ta' medjazzjoni, liema proceduri madanakollu gew mitmuma u permezz ta' Digriet datat it-18 ta' Dicembru 2020 ('Dok B') , dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu ulterjorament ai termini tal-Avviz Legali Nru 397 tal-2003.*

13. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ES  ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti jew, fin-nuqqas, li l-Kura u Kustodja tkun kongunta, bejn il-Partijiet;*

2. *Tiddeciedi li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-minuri tirrisjedi mar-rikorrenti, b'access lill-konvenut;*

3. *Tordna u takkorda l-access tal-konvenut ghall-minuri ES matul il-gimgha u fi tmiem il-gimgha skont kif se jirrizulta mit-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors Guramentat, jew skont kif jidrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tiffissa s-somma tal-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas fix-xahar, kif dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xieraq u opportun;*

5. *Tordna lill-konvenut iħallas ghall-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa tal-minuri;*

6. *Tordna lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali jhallas lir-rikorrenti kwalunkwe Children's Allowence u beneficcji ohra pagabbli mill-Istat fl-interess tal-minuri;*

7. *Tahtar dawk l-esperti li jidrilha xieraq sabiex jevalwaw bir-reqqa s-sitwazzjoni tal-minuri ES , x-xewqat taghha, kif ukoll l-istat psikologiku u emozzjonali taghha, inkluz social workers u b'mod partikolari, psikologi;*

8. *Taghti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet li jidhrilha xierqa u ta' gid ghall-minuri, skont ma jirrizulta mit-trattazzjoni tal-prezenti Rikors;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DS datata 20 ta' Gunju 2021 a fol 54 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimat gie notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti nhar l-1 ta' April, 2021 u kif mitlub qieghed bir-rispett jintavola l-umli risposta tieghu.*

2. *Illi t-talbiet u l- allegazzjonnijiet maghmula mir-rikorrenti huma nfondati filfatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza u ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

3. *Illi fir-rigward tal-ewwel (1) talba l-intimat joggezzjona ghal din it-talba u kif ser jirrizulta permezz tal-kontra talba rikonvenjenti tal-istess intimat, il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament lill-intimat jew kif jidher xieraq lil dina l-Onorabbli Qorti.*

4. *Illi l-intimat qieghed joggezzjona ghat-tieni (2) talba u dan ghal fatti kif ser jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.*

5. *Illi l-intimat joggezzjona ghat-tielet (3) talba tar-rikorrenti.*

6. *Illi l-intimat joggezzjona ghar-raba (4) talba tar-rikorrenti dan in vista tal-kontro talba tieghu.*

7. *Illi fir-rigward tal-hames (5) talba l-intimat ma' jaqbilx ma' din it-talba u jitlob li l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha, medicina u extra kurrikulari ghandhom ikunu sopportanti miz-zewg partijiet f'sehem indaqs w ugwali u mhux minn genitur wiehed kif qeghda titlob ir-rikorrenti.*

8. *Illi l-intimat joggezzjona ghas-sitt (6) talba dan in vista tal-kontro talba tieghu.*

9. *Illi fir-rigward tas-sebgha (7) talba l-intimat ma' joggezzjonax ghat-talba kif imposta u b'zieda ma dak li talbet ir-rikorrenti izid li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tahtar b'urgenza dak jew dawk l-esperti li dina l-Onorabbli Qorti thoss li jkunu opportuni sa mill-bidu tas-smiegh ta' din il-kawza. Dan qieghed jinghad stante' li t-talbiet rikorrenti u t-talbiet rikonvenjenti li qieghed iressaq l-intimat permezz tal-kontro talba se jigu determinati biss bl-ghajnuna tal-esperti li ser jinhatru sabiex jitkellmu mal-minuri ES biex jassistu lil dina l-Onorabbli Qorti.*

10. *Illi l-intimat jaqbel mat-tmien (8) talba.*

11. *Illi l-intimat qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt tal-kontro-talba.*

*12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-Kontro-talba ta' DS datata 20 ta' April 2021, a fol. 56, kif ukoll id-dokumenti u ritratti annessi maghha;

*GHALDAQSTANT l-esponenti intimat rikonvenjenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Jitlob sabiex jigu allegati l-atti tal-Medjazzjoni ta' bejn il-partijiet numru 594/2020 u l-atti tal-Medjazzjoni li rreferiet ghalihom ir-rikorrenti li kienu nfethu matul is-sena 2016.*

2. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri ES tkun fdata esklussivament lil Missier jew kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.*

3. *Tistabilixxi li r-residenza tal-minuri tkun mal-Missier u tordna li l-minuri tghix u tirrisjedi mal-Missier.*

4. *Tistabilixxi access ghaf-favur ir-rikorrenti rikonvenzjonata kif jidhrilha xieraq tenut kont l-impenji tal-minuri u anke dawk taz-zewg partijiet.*

5. *Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex fil-bidu u fi tmiem l-access tigbor u twassal lil minuri mir-residenza tal-Missier.*

6. *Tiffissa u tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata thallas retta alimentarja mensili xierqa u adegwata kif ser tigi ffissata minn dina l-Onorabbli Qorti.*

7. *Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata thallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni kemm dawk ordinarji u straordinarji, dawk ta' sahha kemm ordinarji u straordinarji, u spejjez marbuta ma' extra kurrikulari li l-minuri tattendi minn zmien ghal zmien.*

8. *Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex fil-hin tal-access hekk kif ser jigi akkordat lilha u f'kaz illi l-minuri jkollha l-lezzjonijiet tal-muzew, privatijiet, extra kurrikulari u kull attivita ohra li l-minuri jista jkollha minn zmien ghal zmien, r-rikorrenti rikonvenzjonata twassal lil minuri ghal attivita appozita.*

9. *Tordna li kull beneficcju mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali inkluz dak tac-children's allowence ikunu percepit fl-intier mill-Missier.*

10. *Tordna lid-Direttur tas-Sigurta Socjali jhallas lil Missier kull beneficcju socjali, children's allowence u intitolament iehor dovut ghan-nom tal-minuri.*

11. *Tahtar b'urgenza Avukat tat-Tfal u kif ukoll tahtar dawk l-esperti kollha li dina l-Onorabbli Qorti thoss li jistghu ikunu ta' ghajnuna sabiex jistabilixxu x'inhu l-ahjar fl-interess suprem tal-istess minuri.*

12. *Taghti dawk l-ordnijiet u struzzjonijiet opportuni fl-ahjar interess tal-minuri.*

13. *Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta Guramentata ta' SM ghall-Kontro-Talba datata 12 ta' Mejju 2021 a fol. 124 A

1. *Ir-rikonvenzjonata giet notifikata bir-risposta guramentata u l-kontrotalba nhar il-Hamis, 22 ta' April, 2021 u kif mitluba qieghda bir-rispett tintavola l-umli risposta taghha;*

2. *Illi t-talbiet u l-allegazzjonijiet kif dedotti mill-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ampjament spjegat fil-kawza;*

3. *Illi fir-rigward tal-punt numru 2 tal-kontro-talba, l-esponenti toggezzjona bil-qawwa ghall-allegazzjoni li din telqet habta u sabta mill-propjeta' tal-konvenut rikonvenzjonant. Jigi ritenut illi dak li wassal ghat-tmien tar-relazzjoni bejn il-*

*partijiet kien propju l-arroganza u l-karattru stinat u vjolenti tal-konvenut liema agir ikkulmina f'incident bejn il-partijiet fil-festa ta' Haz-Zebbug f'Gunju 2019;*

4. *Illi dan l-incident kien the straw that broke the camel's back, fejn l-konvenut rikonvenzjonant kien kasbar u baxxa lir-rikorrenti rikonvenzjonata quddiem kazin nies (liema incident gie ben spjegat fl-affidavit tar- rikonvenzjonata f'pagni numru 9 u 10), u wara liema incident ir-rikorrenti rritornat lura ghand ommha b'konvinzjoni li mhix se terga' tirrisjedi mal-konvenut rikonvenzjonant u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur u fl-affidavit tar-rikorrenti;*

5. *Jigi ritenut illi r-rikorrenti konvenzjonata kienet ilha tissaporti u tittama li l-affarijiet ta' bejniethom jirrangaw, minkejja li kienet qieghda tghix u tissaporti l-karatteristici vjolenti tar-rikorrent rikonvenzjonant ghal snin shah.*

6. *Illi di piu', kif gie spjegat fir-rikors promotur kif ukoll fl-affidavit intavolat in atti mill-esponenti, ir-rikonvenzjonant kien ilu jkecci lir-rikonvenzjonata 'l barra, b'dan illi mhux darba jew tnejn qattghet sieghat shah imsakkra fil-gallarija jew fil-komun, tistenna li jifthilha. Illi mhux talli kien ikecciha, izda talli kien jaghmilhielha cara li hemm gew m' ghandha xejn! Dan rifless anke fir-risposta ghar-rikors b'urgenza prezentat fl-atti ta' din il-kawza mill-konvenut innifsu, fejn donnu ried jissottolinea li r-rikorrenti mhijiex sid ta' propjeta' ghax tirrisjedi mal-genituri taghha.*

7. *Illi minkejja li l-esponenti rikonvenzjonata riedet li tiehu lil bintha ES maghha, il-missier rikonvenzjonant ma ppermettiex li dan issir, b'dan illi beda jxewwex lil bintu kontra ommha stess;*

8. *Illi jrid jigi sottolineat, li sad-data tal-intavolar ta' din il-kawza l-partijiet <u>kienu ilhom biss ftit aktar minn sena u nofs mifrudin u mhux tliet snin kif qed jigi allegat mill-</u>*

*<u>konvenut</u> fil-kontro-talba tieghu, f'liema zmien il-partijiet kienu ghaddejjin b'medjazzjoni (594/2020), liema medjazzjoni kellha tinghalaq f' Dicembru 2020, stante li l-partijiet ma lahqux ftehim;*

9. *Illi mhux minnu, kif qieghed jallega l-konvenut konvenzjonant li l-partijiet kienu waslu ghal ftehim bonarju waqt il-proceduri tal-medjazzjoni u l-esponenti bl-ebda*

*mod qatt ma kienet kuntenta bl-arrangament li l-missier wahdu ghazel li jadotta;*

10. *Illi ghall- kuntrarju, l-esponenti dejjem riedet li bintha ES tkun maghha izda wara l-incident ta' Gunju 2019 sopra imsemmi, hi ma setghetx zzomm lil bintha maghha. Jinghad illi qabel dan il-perjodu* ***il-minuri kienet dejjem ma' ommha u sahansitra fil-medjazzjoni passata tal-2016 (1282/2016) il-kwistjoni kienet fuq manteniment u mhux fuq kura u kustodja;***

11. *Illi madanakollu, kif diga' gie spjegat fir-rikors b'urgenza tar-rikorrenti rikonvenzjonata, aktar ma jghaddi z-zmien aktar qieghed isir evidenti li l-komportament stinat u abbuziv tar-rikonvenzjonant kien sahansitra qieghed jigi rifless fil-komportament tal-minuri ES u li ghalhekk mhux fl-interess suprem tat-tifla ES li l-minuri tibqa' mal- konvenut rikonvenzjonat filwaqt li l-omm tibqa' ccedi ghall-ezigenzi egoistici tar-rikonvenzjonant, li kif se jigi ppruvat fil-kawza qieghed jinsisti ghall-kura u kustodja b'pika u sabiex jevita l-manteniment;*

12. *Illi l-kura u kustodja tal-minuri ES ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-omm kif gja spjegat, b'dan illi l-minuri tkun tirrisjedi mal-omm f'Haz-Zebbug, il-lokalita' fejn ES effettivament tattendi l-iskola, d-duttrina u fejn ghandha l-familja materna taghha tirresjedi;*

13. *Illi dan se jkun fl-ahjar interess tal-minuri ES li gjaladarba se jkollha opportunita' tqatta' aktar hin ma' bintha, ES mhux biss se tkun f'ambjent aktar kongenjali izda se tkun tista' tiffoka fuq il-kura u l-edukazjoni ta' bintha, liema kura u edukazzjoni, kemm ilha tqatta' aktar hin mal-missier, qed tiddeterjora;*

14. *Illi minkejja li, kif allega fil-kontrotalba tieghu, ir-rikonvenzjonant kien ghal dawn l-ahhar xhur il-"prime carer" tat-tifla minuri, l-esponenti ghamlet u ghadha taghmel minn kollox sabiex tkun parti integrali minn hajjet bintha ES, madanakollu aktar kemm jghaddi zmien, aktar qieghed jidher bic-car l-interess li l-missier jaljena lil bintu minn ma' ommha, b'dan illi lir-rikonvenzjonata, jdahhalha f'hajjet bintu meta: (i) ikun iridha thallsu xi ammonti li jkun hallas lil ES, jew (ii) meta jkun komdu ghalih;*

15. *Illi mhuwiex minnu kif allega l-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tieghu li r-*

*relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda "pacifika" u li r-rikorrenti rikonvenzjonata qieghda tezercita access "aktar minn dak li gie deciz permezz tad-digriet datat 20 ta' Novembru, 2020", stante illi, bl-eccezzjoni ta xi drabi fejn l-konvenut halla lill-minuri ghand l-esponenti ghaliex hekk kien jaqbel lilu, huwa dejjem insista mal-omm rikonvenzjonata sabiex din timxi mad-digriet u sabiex ma tmurx oltre minnu;*

16. *Illi dan l-agir huwa irregolari ghall-ahhar u juri l-komportament egocentriku tar-rikonvenzjonant u wiehed jista' jara bic-car il-livell ta' egoizmu tal-missier li jippretendi (u dan isir anki b' referenza ghall-ftit mill-hafna messaggi ta' bejn il-partijiet li gew ipprezentati mal-affidavit tar-rikorrenti) illi jinsisti li tkun dejjem l-omm li fil-bidu u fi tmiem tal-access tigbor u twassal lil minuri mir-residenza tal-missier;*

17. *Illi l-omm rikonvenzjonata toggezzjona wkoll bil-qawwa ghall-allegazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant li ES m'ghandha l-ebda problemi ta' sahha stante illi ES ilha tbati bi problemi fl-istonku taghha ghal dawn l-ahhar xhur u dan kif jista' jigi kkonfermat mid-dokumenti [vide Dok SM 1] gja intavolati mal-affidavit tar-rikorrenti rikonvenzjonata fl-atti tar-rikors guramentat.*

18. *Illi l-esponenti tirrileva illi kwalsiasi dikjarazzjonijiet, diskussjonijiet u drafts li sehhew matul il-medjazzjoni ghandhom jigu sfilzat mill-atti stante li dak kollu li jinghad f'tali seduti jinghad dejjem minghajr pregudizzju u dan bi ksur tal-Artikolu 27 tal-Kap 474 tal-Ligijiet ta' Malta;*

19. *Illi l-esponenti tinsisti li r-rapport tal-avukat tat-tfal datat dsatax ta' Novembru 2020 u ipprezentat fl-atti tal-medjazzjoni, ghandu jigi wkoll sfilzat mill-atti ta' din il-kawza ghaliex l-esponenti temmen li tali rapport ma jirriflettix il-veru xewqat u bzonnijiet tal-minuri ES u li rapport simili ghandu biss isir u jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti wara li dawk il-professjonisti adegwati jigu mahtura minn din il-Qorti sabiex jevalwaw l-istat psikologiku u emozzjonali tat-tifla;*

20. *Illi ghalhekk kwalsiasi talbiet sabiex jigu prezentati l-atti ta' xi medjazzjoni passata ghandhom jigu michuda;*

21. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata taqbel mal-kontro-talba numru sebgha (7) sabiex thallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni kemm dawk ordinarji u straordinarji, kif ukoll dawk ta' sahha, kemm ordinarji u kemm straordinarji, u spejjez marbuta ma' extra kurrikulari;*

22. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata parzjalment taqbel mal-kontro-talba numru hdax (11) fejn ir-rikonvenzjonant qieghed jitlob li jigu mahtura esperti medici u psikologici sabiex jistabilixxu x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri ES b'dan illi r-rikonvenzjonata temmen li f'dan l-istadju, u ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur kif ukoll f'dak b'urgenza u fl-affidavit tar-rikonvenzjonata, ghandhom jigu mahtura professjonisti li jevalwaw bir-reqqa l-istat psikologiku u emozzjonali ta' ES, apparti x-xewqat taghha;*

23. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet precedenti taghha;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici ntavolat fl-4 ta' Marzu 2021 (fol. 11) li permezz tieghu l-attrici talbet illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u li l-minuri tibda tirrisjedi maghha. Dawn it-talbiet saru fid-dawl illi l-intimat kien aggressiv maghha waqt ir-relazzjoni taghhom u li kien hemm imgieba li twassalha biex temmen li l-intimat kien qieghed ikisser ir-relazzjoni ta' bejn il-bint u l-attrici. Din il-Qorti rat ukoll ir-rapporti maghmulha mal-Pulizija annessi mal-istess rikors. Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li permezz taghha oggezzjona ghat-talbiet stante li skont hu, l-attrici issa qed taddotta verzjoni differenti minn dik li kellha waqt il-medjazzjoni. L-intimat ghamel referenza ghar-rikors tal-attrici fl-atti tal-medjazzjoni fejn indikat li l-unika vertenza li kien hemm bejn il-partijiet kienet fuq l-access taghha tal-Hadd u ma ssemmi xejn mill-preokkupazzjonijiet li pprezentat issa. Fir-rigward tar-residenza, l-intimat jghid li hemm il-hsieb li r-residenza tigi ameljorata u rrefera ghal fatt

illi fir-residenza tal-omm jghixu hafna aktar individwi. Din il-Qorti tat decizjoni nhar it-18 ta' Gunju 2021 (fol. 126) li permezz taghha laqghet it-talba attrici limitatament biex b'hekk il-kura u kustodja tal-minuri giet fdata konguntivament bejn il-partijiet filwaqt li cahdet it-tieni talba stante li kien stadju bikri wisq biex il-Qorti tbiddel residenza li l-minuri kienet ilha tirrisjedi fiha.

Din il-Qorti rat l-ordni li tat fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2021 (fol. 125) u cjoe li l-access tal-minuri mal-attrici fi tmiem il-gimgha ghandu jkun mis-Sibt mis-1.30pm sal-Hadd sas-6pm. Mill-1 ta' Lulju 2021 kellha wkoll tibda *sleepover* matul il-gimgha, kull nhar ta' Erbgha mis-1.30pm sat-8pm tal-Hamis u jkun il-missier li jigborha mir-residenza tal-omm.

Din il-Qorti rat ir-rikors intavolat mill-konvenut nhar l-4 ta' Lulju 2022 (fol. 163) li permezz tieghu talab l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex il-minuri ES issiefer mal-genituri tas-siehba tieghu. Rat ir-risposta tal-attrici fejn stqarret li ma hassitix komda li bintha ssiefer ma' terzi ndividwi li hi ma tafx. Lanqas taf lis-siehba tal-konvenut u ghalhekk lanqas tista' tghid x'tip ta' niex huma. *Di piu'* matul is-safra la l-konvenut u lanqas is-siehba tieghu ma kienu ser ikunu prezenti. Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti nhar il-5 t'Awwissu 2022 (fol. 170) li permezz tieghu cahdet it-talbiet tal-konvenut.

Din il-Qorti rat illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2024 giet infurmata illi kien hemm qbil li l-access ta' tmiem il-gimgha jigi alternat bejn il-genituri stante li l-minuri kienet bdiet lezzjonijiet tal-kant li nnecessitaw dan it-tibdil.

Din il-Qorti semghet lill-minuri ES *in camera* waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju 2024.

**Il-Verzjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

*Il-Verzjoni tal-Attrici u l-Provi Mresqa Minnha:*

L-attrici xehdet permezz tal-affidavit (fol. 92 et seq.) li gie debitament mahluf nhar id-29 t'April 2021. Tghid illi r-relazzjoni taghha mal-intimat kienet dejjem wahda problematika u li mill-bidu net kien hemm dubji fuq il-fedelta' tieghu; kienet taffrontah u jiggieldu u anke spiccaw bir-rapport ghand il-Pulizija izda minn hawn u minn hemm kien jikkonvinciha sabiex

ikomplu flimkien. Minn dejjem kien jaf bil-wild il-kbira taghha izda kien waslilha minghand habibitha li l-intimat ma kellux pjacir b'din il-minuri. Tghid illi meta kienu jiddiskutu li jmorru jirrisjedu flimkien kien ghamililha cara li ma ridx lill-minuri l-kbira maghhom.

Tghid illi meta harget tqila kien xokk ghall-intimat u minnufih beda jaqla' l-glied maghha qisu apposta u jevitaha. Inbidel maghha u bdiet thossu li kien maghha ta' bilfors. Kien kellem lil kuginuh li jirrisjedi l-Ingilterra sabiex jitilghu jaghmlu abort fi klinika hemm. Kien offrilha li jhallas kollox hu meta s-soltu kienu jhalsu b'mod separate ghaliex l-intimat huwa konxju mmens ta' kif jonfoq flusu. Kienu telghu l-Ingilterra imma hemmhekk infurmatu li kienet konvinta li ma tridx taghmel abort. Gew lura u ftit tal-granet wara temm ir-relazzjoni maghha minkejja li kienet tqila. Kienet saret taf li kien beda relazzjoni mal-istess tfajla li kienet issuspettat qabel u meta bghatitlu dwar l-ewwel vizta, kien qalilha biex thallih bi kwietu ghax kellu lil haddiehor. Ghalhekk ma baqghetx tinformah dwar il-vizti ghand it-tabib taghha. Kienet baqghet f'kuntatt mal-genituri tieghu sakemm darba minnhom hatafha missieru biex thallihom bil-kwiet issa li ibnu kien ma' persuna ohra. Minn dakinhar ghamlet it-tqala kollha wahedha, tipprova tkampa mal-istess wahedha.

Tghid illi wara t-twelid tal-minuri, kien jibghatilha biex imur jaraha u hi qatt ma cahditu minnha. Dak iz-zmien kienet tghix ghal rasha u darba minnhom inqala' argument bejniethom u l-intimat baqa' hiereg bil-minuri minghajr kutra jew xejn fuqha minkejja li kien Dicembru. Kien hemm drabi meta anke membri tal-familja tieghu marru jaraw lit-tarbija. F'Gunju 2013 meta kien ghadu mas-siehba tieghu, beda jistaqsiha biex jergghu jkunu flimkien u meta beda jcemplilha kuljum, accettat sabiex tkun ippruvat minn kollox ghal bintha.
L-attrici tixhed illi kienu ftehmu li jtiha manteniment ta' mija u sebghin euro (€170) fix-xahar izda beda jarahom zejda. Meta regghu bdew jirrisjedu flimkien ma kien itiha xejn u kienet thallas l-ispejjez kollha tat-tarbija wahedha. Indunat li din kienet ir-raguni principarja ghalfejn ried li jergghu jkunu flimkien.

Damu ma bdew jirrisjedu flimkien sakemm il-minuri kellha madwar erba' (4) snin ghaliex il-post tal-intimat kien ghadu mhux abitabbli. Dahlu fih hekk kif lesta l-kcina. L-argumenti baqghu jinqalghu izda l-aggressivita' tal-intimat bdiet tiggrava. Peress li l-post kien esklussivament tieghu, kien ha attitudni li jiddetta altrimenti l-attrici kellha titlaq 'il barra. Ghamililha cara li ma kellux intenzjoni li jizzewweg sabiex l-attrici ma jkollix pretensjonijiet fuq gidu u dan anke meta offrietlu li jaghmlu s-separazzjoni tal-beni. It-tifla biss kienet l-

unika haga li kienet taqghadhom mill-bqija, skont l-attrici, kien jittrataha ta' kelb. Kien jitfaghha barra fil-komun jew fit-terrazin kemm-il darba tikkuntradixxih u jinfexx jghajjarha. Ma ttentatx titlaq ghaliex kienet tisimghu jghid li l-attrici titlaq imma l-minuri hemm tibqa' u ghalhekk ma ridetx tinfired minn ma' bintha. Kemm-il darba kellha titlob l-assistenza tal-Pulizija, kien hemm drabi meta dahhalha meta semghaha ccempilhom u kien hemm drabi meta kellhom jigu fuq il-post. Kien jghidilha li hu setgha jghajjat kemm irid f'wiccha ghax kienet ir-residenza tieghu imma hi ma setghetx.

L-attrici kienet giet ikkuntatjatha mis-siehba tal-intimat fejn kienet qaltilha b'kollox; li kien jittradiha maghha u kienet urietha messaggi u anke semmatilha telefonati rrekordjati. Hu u hi kellhom argument u spiccaw il-Qorti izda minflok ma hassru, kienu regghu spiccaw flimkien. Din l-infedelta' kienet kisritha lill-attrici aparti t-tghajjir ta' kuljum li kienet taqla' minghand l-intimat ghaliex skont hu, ma kienet tajba ghalxejn.

L-attrici tispjega li hi tahdem go hanut tal-kmamar tal-banju. Kienet tipprepara lill-minuri filghodu, twassalha u tmur ghax-xoghol. Fil-hin li l-hanut jaghlaq wara nofs in-nhar, kienet tigbor lit-tifla u tmur biha ghand in-nanniet materni. Kienet tirritorna x-xoghol, tigbor lill-minuri filghaxija u tibqa' sejra fir-residenza fejn kienu qieghdin jghixu flimkien. Darbtejn fil-gimgha minflok man-nanniet materni, kienet tmur ghand in-nanniet paterni wara l-iskola u kienet tigborha minghandhom wara li tispicca xoghol.

Tghid li kien hemm drabi fejn kienet bdiet tippakja l-hwejjeg biex titlaq u l-minuri kienet tghidilha biex tippakja taghha wkoll ghaliex hi riedet toqghod maghha. Madanakollu bdiet tara l-istess attitudni tal-intimat fil-minuri fejn din bdiet tghajjarha li fid-dar ma kellha xejn taghha u anke tuza' kliem dispregjattiv fil-konfront tal-attrici. Darba minnhom il-minuri qaltilha li lanqas likieku trid ma tista' tmur tirrisjedi maghha ghaliex missierha kien qalilha li l-appartament issa kien taghha imma jekk titlaq minn mieghu, hi kienet se titlef kollox. Wara li telqet l-attrici, il-minuri damet ix-xhur b'din l-attitudni u l-attrici dejjem urietha li hi kellha titlaq minhabba l-argumenti kontinwi li kien ikollhom imma dan ma kienx ser ibiddel kemm kienet thobbha. Tghid illi l-minuri bdiet tbati minn ugigh fl-istonku fejn anke ghamlet lejl rikoverata l-isptar u ghalhekk kienet kelmet terapista tal-familja fejn kien qalilha li dan jista' jkun sintomu li l-minuri kienet qed tbati minn *stress*. Madanakollu l-intimat innega dan u ma hax lill-minuri biex tkellem lit-terapista.

Telqet mir-residenza tal-intimat wara li umiljaha pubblikament u hadilha c-cwievet taghha bil-forza. Dak iz-zmien irragunat li ma kienx sew li terga' tbiddel ir-residenza tal-minuri u ghalhekk uzat dak iz-zmien biex tirkupra mir-relazzjoni abbuziva li kellha. Ilum tirrealizza li l-ahjar post li l-minuri tista' tittrabba fih huwa maghha, li garritha f'gufha wahedha u li tatha l-hajja anke meta missierha ma riedix.

Minn wara li telqet, l-minuri baqghet tisma' kontinwament kontriha tant li anke hi bdiet temmen li trid tibqa' ma' missierha. Kemm-il darba bdiet tindirizzha bi kliem dispregjattiv u tghidilha li ma tahmilhix. Minhabba l-fatt li fir-residenza tal-intimat ghad mhemmx bibien, l-attrici bezzghana mill-fatt li l-minuri m'ghandiex privatezza taghha meta tkun qed tbiddel. Lanqas ghandhom privatezza l-intimat u s-siehba tieghu u ghalhekk jista' jkun li l-minuri giet esposta ghall-atti intimi.

L-attrici tghid li l-minuri ghandha potenzjal qawwi u ghalhekk huwa dispjacir ghaliha meta ma tghaddhix minn xi suggett minhabba li mhux taghmel ix-xoghol bzonnjuz. Thoss li l-hin ma' bintha hu limitat ferm ghaliex fis-siegha ta' matul il-gimgha ma tistax la tghinha fl-istudju u lanqas tibni relazzjoni maghha.

Iddecidiet li tipprocedi bil-proceduri odjerni meta l-minuri bdiet tibki u tolfoq maghha ghax ghandha hafna hin ma' missierha u ftit hin ma' ommha. Tghid illi l-minuri kienet mgieghla tghid lill-Avukat tat-Tfal li hi tkun trid tmur bid-dghajsa kull nhar ta' Hadd ghaliex fil-verita' l-missier ikun irid hekk, mhux hi. Il-minuri qalet lill-attrici li missierha jghidilha li ma tistax tara lill-attrici meta trid imma hemm bzonn li jobdu l-ligi inkella jigu ghaliha l-Pulizija. It-tifla taf li dan mhux minnu imma biex ma tarax lill-missierha jirrabja u jghid kontra ommha, waqfet titlob aktar hin ma' ommha.

L-attrici xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar is-16 ta' Gunju 2021. Oltre ghal dak li kienet diga' xehdet fl-affidavit l-attrici ziedet tixhed illi hi kienet tqatta' l-hin kollu li ma kinetx tahdem mat-tifla ghajr ghal meta kienet tmur tixtri mat-tifla l-kbira taghha.

L-attrici pprezentat affidavit ulterjuri li gie debitament mahluf nhar it-30 ta' Novembru 2021. Permezz ta' dan l-affidavit, l-attrici xehdet li thossha grata li zdied il-hin tal-access ghaliex ippermetilha li taghmel affarijiet differenti ma' bintha. Fiz-zmien li zdied l-access, l-attrici

nnutat kambjament fit-tifla li qed turi aktar kunfidenza u sigurta'. Tghid li meta tmur ghal *sleepover* ghandha, ftit li xejn tiehu hwejjeg ghandha u ghalhekk titlob li l-minuri tiehu aktar hwejjeg maghha, mqar hwejjeg ta' taht. Tghid li mhux possibbli ghaliha li tixtri gwardarobba hwejjeg ghall-minuri stante li qed thallas manteniment ghaliha. Izzomm ftit hwejjeg ghal jekk tinqala' emergenza imma hafna drabi tispicca tibghatha lura bihom u l-missier idum ma jerga' jibghathom lura. Tghid illi ghalkemm ppruvat timxi mad-digriet ta' din il-Qorti, kien hemm drabi fis-sajf fejn irritornat lill-minuri aktar tard mill-hin degretat jew sahansitra zammitha sat-Tnejn filghodu. Ma ssibx oggezzjoni li tibqa' maghha imma titlob li jkun hemm pre-avviz. Accettat li twassalha kmieni dik il-gimgha ta' gheluq sninha ghaliex il-missier infurmaha li kien ser jorganizzalha xi haga biex jiffestigjaw. Tixhed illi ghalkemm hi kkooperat, fis-snin precedent dejjem sabet oggezzjoni meta talbet tibdil fl-access.

In kontroezami, l-attrici qalet li baqghet ma' DSminkejja li kien iwegghaha ghaliex kien dejjem iweghdha li kienu ser jizzewgu u jkunu familja. Tghid illi kien hemm xi tlett jew erba' darbiet li gew il-Pulizija meta sakkarha fuq it-terrazzin. Ix-xhud ikkonfermat illi mat-tmiem tar-relazzjoni taghha mal-intimat, hija kellha relazzjoni ma' haddiehor ghaliex hi u DSma kienx qed ikollhom relazzjonijiet intimi. L-attrici xehdet ukoll illi fi zmien il-pandemija tal-COVID 19, kien hemm perjodu li fih il-minuri ma marritx skola ghax l-iskola kienet maghluqa, kien hemm perjodu illi kienu ddeciedew flimkien li ma tmurx ghax kien aktar sigur ghat-tifla u tghid li l-uniku dizgwid li kellhom kien jekk il-minuri kinetx ser tinghata l-vaccin jew le.

Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

1. <u>*Nota bid-dokumenti kif gej:*</u>
    a) Nota medika li tinzamm l-isptar li tiddokumenta li l-minuri giet rikoverata l-isptar f'Jannar 2021 minhabba li kienet ilha gurnata tirremetti u b'ugigh fl-istonku. Inghad lit-tabib illi l-minuri kienet ilha tbati ghal hames (5) xhur b'remettar u ugigh ta' ras intermittenti (fol. 106)
    b) Messagg ma' terapista tal-familja sabiex jinbidel l-appuntament li nghatat (fol. 108)
    c) Messagg li rceviet l-attrici mill-iskola li permezz tieghu saret taf li l-minuri ma kinetx marret l-iskola fit-23 t'April 2021, dan meta lejliet il-missier kien infurmaha li kien ha lill-minuri ghand it-tabib (fol 109)

d) Set ta' messaggi skambjati bejn il-partijiet fuq li l-istudju u l-qari tat-tifla u minn jaghmel xiex maghha (fol. 110).
e) Set ta' messaggi skambjati bejn il-minuri u l-attrici li juru hafna mhabba bejn it-tnejn u li t-tnejn ihossu n-nuqqas ta' xulxin (fol. 113)
f) Set ta' messaggi skambjati bejn il-partijiet dwar nuqqas ta' ftehim dwar il-hin tal-access (fol. 118)
g) Kopja tal-kondotta ta' KM li turi kondotta nadifa li mid-dettalji mnizzla jidher li hu hu l-attrici (fol. 139)
h) Rendikont tal-ferjat li hadet l-attrici fis-sena 2020 (fol. 140)
i) Kopja ta' ittra rilaxxata mid-Direttur tan-negozju li mieghu tahdem l-attrici li permezz taghha rrifjuta t-talba sabiex l-attrici tahdem inqas sieghat (fol. 141)
j) Kopji tal-FS3s tal-attrici li gew mghoddija mid-Direttur tas-socjeta' li thaddimha u kontra ghal dak li xehed quddiem din il-Qorti, iddikjara illi l-attrici ma tircievix ammonti ohra b'zieda mal-paga taghha. L-FS3 ghas-sena 2019 turi li l-attrici kellha introjtu ta' hmistax-il elf, sitt mija u tmien euro (€15,608) (fol. 195). Ghas-Fis-sena 2020 kellha introjtu ta' tnax-il elf, disa' mija tmienja u ghoxrin (€12,928) filwaqt li fis-sena 2021 kellha introjtu globali ta' tnax-il elf sitt mija u tlett euro (€12,603). Gew ipprezentati wkoll tlett (3) *payslips* li juru dhul mensili net ta' madwar disa' mitt euro (€900).

2. <u>*L-affidavit ta' MM, ossia omm l-attrici,*</u> debitament mahluf nhar id-29 t'April 2021 (fol. 122). Ix-xhud tixhed illi huma jirrisjedu gewwa dar li fiha erbat (4) ikmamar tas-sodda. Il-minuri ES damet tghix maghhom, m'ommha u ma' ohtha K sakemm kellha madwar tlieta (3) jew erbgha (4) snin. M'ghandha l-ebda problema li l-attrici tibqa' tirrisjedi maghhom flimkien maz-zewg uliedha. Tixtieq li jkollha aktar hin man-neputija taghha jew ghaliex din tibda tirrisjedi maghhom jew ghaliex l-access jizdied b'tali mod li jgi ugwali ghall-hin li l-minuri tqatta' ma' missierha.

In kontroezami, li sar fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Mejju 2022, ix-xhud qalet li hi ghandha tnejn u sebghin (72) sena. Ix-xhud ikkonfermat illi meta l-attrici tmur ghax-xoghol waqt il-hin tal-access, il-minuri tibqa' maghha. Xehdet li wara li temmet ir-relazzjoni, l-attrici kienet marret lura ghandhom imbaghad ghamlet zmien qasir tghix ghal rasha. Xehdet li apparti hi u r-ragel taghha, l-attrici u uliedha, jghix ukoll fl-istess residenza binha u cjoe hu l-attrici.

3. *L-affidavit ta' AM, ossia missier l-attrici,* debitament mahluf nhar id-29 ta' April 2021 (fol. 123) li hu identiku ghal dak ta' MM.

   In kontroezami x-xhud ikkonferma li hu pensjonant ta' sebgha u sebghin (77) sena. Xehed illi hu johrog nhar ta' Hadd ghalhekk ma jkunx jaf kif l-attrici tqatta' l-hin ma' bintha. Wara li spiccat ir-relazzjoni, l-attrici kienet regghet marret tghix maghhom imbaghad ghamlet xi zmien tirrisjedi ghal rasha.

4. *L-affidavit ta' CM, ossia oht l-attrici,* debitament mahluf nhar l-14 t'Ottubru 2021 (fol. 136) li permezz tieghu xehdet illi huma trabbew go familja maqghuda u li *close* m'ohtha l-attrici. Taf li kien ikun hemm hafna glied bejn il-partijiet u li l-intimat kien isakkarha barra tant li darba minnhom marret torqod ghandha. Tiftakar l-okkazjoni meta ohtha temmet ir-relazzjoni u dan wara li l-familja kollha kienet f'kazin fil-festa ta' San Filep tas-sena 2019. Hin minnhom inqalghet kommossjoni ghaliex l-intimat kien dahal fuq ohtha, beda jghajjat f'wiccha u anke bezqilha. Wara kien telaq 'il barra bil-minuri. Tghid illi iddispjacutha fuq kif tratta lill-ohtha ghaliex taf li din kienet thobbu.

   In kontroezami tikkonferma illi matul is-snin tar-relazzjoni tal-partijiet kienet prezenti ghall-argument wiehed bejn il-partijiet.

*Il-Verzjoni tal-Intimat u l-Provi Mresqa Minnu:*

Il-konvenut DS xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2022 (fol. 146 et seq.). Jghid li l-minuri twieldet fl-20 t'Ottubru 2012. L-attrici ghamlet xi zmien tghix ghal rasha imbaghad fil-festa ta' Haz-Zebbug tas-sena 2013 huma kienu regghu rrangaw bejniethom u l-attrici marret tirrisjedi fir-residenza tieghu flimkien mal-minuri. Jghid illi kien ikollhom hafna argumenti minhabba l-inkompatibilita' fil-karattru, gieli l-attrici kienet tmur torqod jumejn ghand il-genituri taghha imbaghad terga' tmur lura. Fis-sena 2019 ntemmet ir-relazzjoni taghhom u l-attrici telqet mir-residenza tieghu. Jghid li hafna mill-argumenti kienu jinqalghu ghax ried jiehu hsieb hafna affarijiet hu bhat-tisjir, ix-xiri u l-kontijiet. Skont hu, l-attrici ma kienetx tnaddaf sakemm ma kienux jaghmlu l-affarijiet flimkien ghaliex ma kienitx darha.

L-intimat jenfasizza li l-attrici telqet mir-residenza tieghu sabiex tmur tghix ma' ragel iehor li kienet bdiet relazzjoni mieghu fuq ix-xoghol u li ghalhekk ma setghetx tiehu lill-minuri maghha. Jghid li kienet it-tifla stess li qaltlu li ommha kienet sejra toqghod ma' ragel iehor u li hi riedet tibqa' f'darha u cjoe mieghu. Jghid li hu hass li ma kellu l-ebda poter izomm lill-minuri mieghu li kieku mhux ghax din riedet minn jhedda. Jghid li l-attrici qatt ma talbitu li t-tifla tkun maghha imma riedet biss access. Meta t-tifla kien ikollha l-gurnata tal-access, l-attrici kienet titlaq mir-residenza tas-sieheb taghha u tmur torqod ghand ommha biex torqod mal-minuri. Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti, l-intimat jghid li huma kienu jargumentaw hafna imma cahad li hu kien xi darba abbusiv mal-attrici. B'abbusiv hu jifhem swat. Mistoqsi jekk theddid jikkwalifikax bhala agir abbuziv, wiegeb li dan kien ikun reciproku u li ghalhekk anke hi kienet abbuziva meta kienet tghajru bil-passat tieghu u b'familtu.

Jghid illi huma kienu kwazi waslu ghal ftehim bonarju izda l-uniku punt li ma kienux ftehmu fuqu kien l-access tal-Hadd ghaliex il-minuri stess xtaqet li tqatta' l-Hadd ma' missierha fuq id-dghajsa.

Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti, il-konvenut jghid li l-access qed jigi onerat kif degretat minn din il-Qorti izda ma fadallux hin mat-tifla lanqas biex imur jixtrilha l-hwejjeg ghaliex l-partijiet jahdmu prattikament l-istess hinijiet. Lanqas matul il-gimgha dan mhu possibbli ghaliex marbut li jrid jaghmel ix-xoghol tal-iskola mat-tifla imbaghad ikun irid jiftah il-hanut tieghu. Jghid li issa m'ghandux hin ta' kwalita' mat-tifla minuri, lanqas setgha jaghmlilha celebrazzjoni f'gheluq sninha izda biss xtralha kejk.

Huwa kompla jiddeponi fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2022 (fol. 145D) fejn xehed illi hu qatt ma cahhad lill-minuri minn ommha jew qalilha kontriha. Dik il-gimgha stess kien qed jiehu telefonata fil-karozza tieghu u kien hemm il-minuri. Waqt din it-telefonata kien qed jitkellem dwar avveniment li kellu fil-gurnata tal-Hadd. Il-minuri wriet ix-xewqa li tmur mieghu u bdiet tippressah biex tmur mieghu. Min-naha tieghu qalilha li dak il-hin taghha m'ommha imma peress li baqghet tghid l-istess haga, kien informa lill-omm u r-risposta taghha kienet li missu ma tkellimx quddiemha. Baqghet tittratieni ghaliex bdiet tibza' li se tidher kera hi. Hu qalilha li la kellha dritt ghall-access, id-decizjoni kienet taghha. Fl-ahhar mill-ahhar accettat. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-intimat ikkjarifika li dan l-avveniment kien mawra sa Ghawdex sabiex jiccelebraw gheluq snin is-siehba tieghu.

Jghid illi l-access qieghed jorbtu li l-Hadd filghaxija mas-6pm irid ikun id-dar ghaliex darba nzerta kien qed jiekol barra u l-omm accettat li twassal lit-tifla fil-post fejn kien ghaliex kien konvenjenti ghaliha.

Il-konvenut xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2023 fejn qal illi meta kienu jghixu flimkien, hu u l-attrici kienu jiddiskutu l-*commissions* li kienet taghmel hi apparti mill-paga u kienet anke thalli karti jigru bhal dawk li ezebixxa. Milli kienet tghidlu hi, hi kienet tithallas 1% fuq l-ewwel ghaxart elef euro (€10,000) u 2% fuq it-tieni ghoxrin elf (€20,000). Din il-*commission* kienet tithallas fi flus kontanti.

Il-konvenut ipprezenta affidavit tieghu fit-8 ta' Novembru 2023 (fol. 230) liema affidavit ma giex ikkonfermat bil-gurament. Jghid illi l-attrici telqet mid-dar li kienu joqghodu fiha li hija proprjeta' tieghu ghaliex kellha wicc haddiehor u kienet halliet lill-minuri ES warajha. Jghid illi hu qatt ma rrifjuta li l-attrici tiehu lil bintha l-kbira maghhom imma din l-istess wild dejjem ghazlet li tibqa' man-nanniet materni biex ikollha stabbilta'. Jaf minghand il-minuri ES li l-attrici tkun trid tehodha maghha ghand is-sieheb li ghandha u ES ma tkunx trid. Jichad li hu ried lill-attrici taghmel abort.

Sabiex jikkorrobora l-verzjoni tieghu, l-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. *Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment ghas-Sigurta' Socjali* xehed (vide fol. 178) u ezebixxa rendikont tal-beneficcji socjali moghtija lill-intimat liema beneficcji beda jippercepixxi minn Ottubru 2020 u huma relatati mat-tfal.

2. *Louis Buhagiar, in rapprezentanza ta' Jobsplus* xehed (vide fol. 183) u ezebixxa rendikont tal-impjieg tal-konvenuta illi juri li mis-sena 2016 'il quddiem l-intimat beda jahdem fuq bazi *self-employed*. Ir-rendikont tal-impjiegi tal-attrici juri li mis-sena 2015 'il quddiem hi ilha fl-impjieg ta' Faenza Co. Ltd. fuq bazi *full-time.*

3. *XZ, fl-irwol tieghu ta' Direttur ta' F. Co. Limited* xehed (vide fol. 187) illi erba' xhur qabel it-testimonjanza tieghu (ghalhekk Lulju 2022) l-attrici kienet bidlet il-hinijiet tax-xoghol taghha sabiex f'dak il-perjodu kienet issa qed tahdem:
    a. It-Tnejn mid-9am sas 1pm, mill-4pm sas-7pm
    b. It-Tlieta mid-9am sal-4.30pm

c. L-Erbgha mid-9am sal-4pm
d. Il-Hamis mid-9am sal-4.30pm
e. Il-Gimgha mill-11:30am sas-7pm
f. Is-Sibt mid-9am sas-1pm

Jixhed illi l-introjtu tal-attrici huwa dak ta' elf euro (€1000) fix-xahar oltre ghal *bonus* li jkun stabbilit mill-gvern.

4. *<u>Nota tal-intimat b'kopja ta erba' rapport li ghamel hu mal-Pulizija ezekuttiva u cjoe:</u>*

   a. Rapport li sar nhar it-13 ta' Frar 2011 (fol. 202) fejn l-intimat irraporta li kien mar fir-residenza tal-attrici sabiex jitlobha flus li kien sellifha. Inqala' argument bejniethom u spiccaw jigru wara xulxin bil-karozzi. Meta waqfu hadu l-mobile ta' xulxin u l-attrici fajritlu daqqa ta' ponn u ghamlu hsara fil-vettura ta' xulxin.
   b. Rapport li sar nhar l-1 ta' Gunju 2012 (fol. 205) fejn hu rraporta li l-ex siehba tieghu kien ser ikollha tarbija minn tieghu u huma ma kellhomx kuntatt. Hu kien mar quddiem il-hanut fejn tahdem biex jara jekk ghandhiex bzonn xi haga izda hi bdiet tghajjru u tghidlu li ser iccempel lill-Pulizija.
   c. Rapport li sar nhar is-17 t'Ottubru 2012 (fol. 207) fejn l-intimat kien cahad ir-rapport li kienet ghamlet l-attrici fil-konfront tieghu u qal li hu kien inkwetat ghax ma kienx jaf meta t-tarbija tieghu kienet ser titwieled.
   d. Rapport li sar nhar il-21 ta' Gunju 2019 (fol. 210) fejn hu ta l-verzjoni tieghu sussegwentement ghar-rapport li ghamlet l-attrici. Madanakollu din il-verzjoni ma tnizzlitx mill-Pulizija.

5. *<u>Nota tal-konvenut b'kopja ta' rapport fuq il-progress edukattiv tal-minuri ghas-snin 2021-2022</u>* (fol. 236) li juru marki pjuttost tajbin hafna ghajr ghall-matematika.

6. *<u>Nota tal-konvenut b'ritratti ta' notamenti tal-attrici dwar commissions li qalghet meta kienu jirrisjedu flimkien</u>* (fol. 241)

7. *<u>L-affidavit ta' AR, oht il-konvenut</u>* (a fol. 234) xehdet illi hi ghandha relazzjoni tajba hafna ma' huwha u man-neputija ES. Lill-konvenut qatt ma ratu aggressiv imma taf li r-relazzjoni ta' bejn l-partijiet kienet ikkaretterizzatha minn hafna glied. Fid-data tal-affidavit, il-minuri kellha l-kamra taghha gewwa l-appartament tal-konvenut u sa dak iz-

zmien, il-konvenut kien anke installa l-bibien. Tara lil ES bhala tifla kuntenta u li ma jonqosha xejn.

In kontroezami x-xhud qalet li ma tafx jekk kienx hemm proceduri kriminali fil-konfront ta' huwha. Ix-xhud qalet ukoll illi fir-residenza tal-konvenut hemm zewg kmamar tas-sodda.

8. *WPC 2386 Michela Kvrgic* (fol. 256) ezebiet zewg rapporti li saru mill-intimat DS L-ewwel wiehed maghmul fis-6 ta' Dicembru 2012 (fol. 256). Dan huwa rapport fuq l-incident meta l-konvenut telaq mill-appartament tal-attrici bit-tarbija fix-Xitwa. F'din il-verzjoni tidher il-verzjoni li l-konvenut kien ta lill-Pulizija fejn kien qalilhom li hu kien baqa' fl-appartament meta l-attrici kienet qaltlu biex jitlaq biex jipprotegi lill-minuri u li kienet l-attrici li aggreditu u qatatlu l-qmis li kien liebes. It-tieni rapport huwa tas-6 t'Awwissu 2012 (fol. 261) fejn il-konvenut kien irraporta li l-attrici kienet tefghet *post* fuq is-sit socjali tal-*Facebook* b'hafna insulti u ingurji fil-konfront tieghu. Meta l-Pulizija kelmu lill-attrici hija qalet li r-ritratt kienet tefghetu ghax kienet imwegga' bix-xnieghat li kien qed ixxerred dwarha.

**Ikkonsidrat:**

***Kura u Kustodja ta' ulied il-partijiet***

L-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

> ***tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...**"*

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[3],*** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

---

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex **tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth***

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

> ***and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.***[10] ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Wara li din il-Qorti qieset l-ghemil vjolenti tal-intimat tul iz-zwieg, kemm versu martu u kif ukoll versu uliedu, taghraf illi l-intimat ghandu jigi zvesit mill-awtorita u setgha ta' genitur, il-ghaliex hu fl-ahjar interess tal-minuri SC, LC u CC li l-attrici omm tkun vestita **bil-kura u l-kustodja esklussiva** tal-minuri. Ghalhekk l-attrici hija awtorizzata li tiehu kwalsiasi decisjoni relatata mal-minuri wahedha minghajr il-htiega tal-kunsens, firma jew presenza tal-intimat. Dan jghodd ghal kull decizjoni straordinarja jew ordinarja relatata mat-tfal inkluz dawk rigward l-edukazzjoni, sahha, safar, hrug u tigdid tal-passaporti tal-minuri.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghar-rikors intavolat mill-intimat datat 10 ta' Mejju 2023, fl-atti tal-proceduri fl-istess ismijiet bin-numru 12/2020, tafferma illi l-intimat kien ilu diversi snin il-habs u l-ahhar memorji li ghandhom il-minuri tal-intimat missierhom huma memorji ghal kollox trawmatici. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tqisx illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi jigi ordnat access tal-missier. Illi di piu din il-

[10] Enfazi tal-Qorti.

Qorti taghraf illi il-bniet iz-zghar ormai ghandhom tlettax (13)- il sena u hmistax (15)- il sena u ghalhekk x-xewqat taghhom f'dan ir-rigward ghandhom jigu rispettati.

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex tbiddel **ir-residenza ta' minuri li llum ghandha tnax-il sena** u li ilha tirrisjedi mal-intimat ghal dawn l-ahhar snin b'access favur l-attrici.

L-attrici tghid illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li issa tmur tirrisjedi maghha ghaliex taf bic-cert illi il-minuri qed isofri u li tibza' minn missierha. Din il-Qorti ma tqisx li din l-allegazzjoni giet sufficjentement ippruvatha billi l-minuri tidher illi ghandha relazzjoni tajba maz-zewg genituri. Mhux talli ghandha relazzjoni tajba ma' missierha, talli ghandha relazzjoni tajba anke mas-siehba tieghu u l-familja taghha.

Din il-Qorti kkunsidrat il-fatturi kollha mressqa. Illi l-attrici ssostni li l-minuri soffriet minn ugigh fl-istonku izda ssostanzjalizzat dan biss b'karta wahda medika. Kwazi kull minuri tigi rikoverata l-isptar xi darba jew ohra, wiehed irid jara jekk din setghetx tigi evitata u l-fatt li l-minuri dahlet l-isptar ghaliex bdiet tirrimetti ma jidhirx li kien fattur li setgha jigi evitat. L-ebda tabib ma wasal ghall- konkluzjoni li dan setgha kien sintomatiku ghal xi fattur ta' stress li l-minuri setghat kienet qed tbaghti minnu, u ghalkemm l-attrici taghmel din id-dikjarazzjoni, ma ngieb ebda prova li tissostanzja dan.

Din il-Qorti rat ukoll illi l-minuri sejra tajjeb fl-iskola, ghandha hin ta' kwalita' maz-zewg familji u m'hemm l-ebda thassib fir-rigward tat-trobbija taghha. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghalfejn issa f'dan l-istadju ta' hajjitha ghandha iccaqlaq lill-minuri mill-istabbilta' taghha u mir-rutina li ormai ghandha sabiex tilqa t-talba tal-attrici li issa trid tigbor lill-uliedha maghha.

Madanakollu ma jfissirx li l-omm m'ghandux ikollha aktar access ghall-minuri. Din il-Qorti rat il-messaggi tal-minuri fejn esprimiet li kienet qed thoss in-nuqqas taghha u tal-*pet*. Il-Qorti ghalhekk tissolecita lill-intimat missier sabiex jinkoragixxi u jiffacilita' l-access u mhux iqis l-interessi u x-xewqat tieghu.

Il-Qorti rat l-assersjonijiet tal-missier dwar il-Hdud u l-fatt li jekk josserva l-access tal-minuri mal-omm ifisser li ma jkunx jista johrog lit-tifla bid-dghajsa. Il-Qorti tiddiplora dan l-atteggjament tal-missier specjalment il-ghaliex kliem f ‘dan is sens jinghad mill-missier fil-presenza tat-tifla. Di piu’ tavza li d-digriet tal-Qorti iridu jigu osservati. Ukoll certu komunikazzjoni li l-partijiet jafu li ser jitfghu lill-minuri f’kunflitt fix-xewqat taghha ghandhom jigu evitati u jehtieg li telefonati u diskorsati bejn il-genituri ma jsirux fil-prezenza tal-minuri.

Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-partijiet matul il-proceduri u fil-provi migjuba ezebixxew agir irresponsabbli u nfantili. Il-Qorti qed tirreferi ghall-glied u argumenti fil-pubbliku li jwaqqa’ d-dinjita’ taghhom, jiehdu l-mobile ta’ xulxin, jaghmlu l-hsara fuq il-vetturi ta’ xulxin, *posts* fuq is-siti socjali u aktar. Huwa inaccettabbli illi min-naha ghax l-attrici kienet imwegga’ fuq ir-relazzjoni taghhom, zammet lill-missier ‘il boghod waqt it-tqala billi biddlet in-numru tal-mobile taghha. Huwa ugwalment inaccettabbli illi, ghaliex il-proprjeta’ tghajjat legalment lill-konvenut, dan seta’ isakkar lill-attrici fil-komun jew fit-terrazzin. Anke fir-ragunijiet biex jissostjenu l-pozizzjoni taghhom fil-proceduri odjerni, il-partijiet iffukkaw b’mod ampju fuq il-passat u fuq ir-relazzjoni taghhom li ilha snin li spiccat. Il-partijiet hemm bzonn li jhallu dak il-kapitolu f’hajjithom warajhom ghall-gid tat-tifla. Ghalhekk din il-Qorti tissollecita liz-zewg partijiet sabiex jagixxu b’mod aktar responsabbli bejniethom u sabiex gara x’gara fir-relazzjoni ta’ bejniethom, issa jagixxu ta’ zewg genituri u jikkoperaw bejniethom b’mod civili.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-minuri ghandha tibqa’ tirrisjedi ma’ missierha fir-residenza tieghu sabiex izzomm l-istabbilta’ taghha. L-omm ghandha tkompli tivversa manteniment ta’ mitejn euro (€200) ghall- bzonnijiet tal-minuri. M’hemm xejn hazin li l-omm xorta wahda zzomm bzonnijiet ghal bintha izda sabiex ma jinqalghux argumenti, l-intimat ghandu jara illi l-minuri tmur ghal *sleepover* b’basket li jinkludi fih tibdila hwejjeg, hwejjeg ta’ taht u l-bzonnijiet tal-minuri.

Il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa wahda kongunta bejn il-partijiet, ghaliex min-naha din il-Qorti ghandha quddiemha prova ta' messaggi skambjati bejn il-partijiet fejn il-partijiet kienu qed jikkomunikaw b'mod civili dwar x'ghandha bzonn il-minuri u anke kkooperaw bejniethom dwar l-ispejjez. Min-naha l-ohra li kien ghall-intimat il-minuri kienet tithalla ssiefer f'pajjiz barrani b'lingwa li l-minuri ma tafx mal-genituri tas-siehba tieghu minghajr il-prezenza ta' genitur ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha thalli l-kura u kustodja kongunta sabiex ikun hemm bilanc fid-decizjonijiet.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti kienet propensa zzid l-access tal-omm ghaliex fil-bidu tal-proceduri kien hin limitat wisq. Minn dakinhar l-attrici biddlet il-hinijiet tax-xoghol taghha tant li certu granet mhix tahdem il-hinijiet ta' filghaxija. Ghalhekk ikun ahjar li l-minuri tibqa' ghall-access m'ommha f'dawn il-granet. Inoltre din il-Qorti kienet ordnat li l-attrici jkollha *sleepover* kull gimgha mis-Sibt ghal Hadd u dan ghaliex ma ratx li r-raguni tad-dghajsa kienet valida jew ragonevoli. Madanakollu kienu l-partijiet infushom illi gew ghal ftehim li jinbidel dan l-arrangament kif gara waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2024. Il-partijiet ftehmu li l-*sleepover* jigi alternat bejn il-genituri minhabba l-lezzjoni tal-kant.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

**Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri ES ghandha tibqa' fdata bejn il-partijiet b'mod kongunt filwaqt li tichad il-kumplament tat-talbiet attrici.**

**Din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kontrotalba tal-konvenut billi:**

1. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;**
2. **Tichad it-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' vestita konguntivament f'idejn il-partijiet;**
3. **Tilqa' it-tielet talba;**
4. **Tilqa' ir-raba' talba u tordna li l-attrici jkollha access ghall-minuri bis-segwenti modalitajiet:**
    a. ***Sleepover* mis- Sibt mis-1.30pm sal-Hadd sas-6pm.;**

- b. **Ghandu jkollha access ulterjuri bi sleepover matul il-gimgha cioe kull nhar ta' Erbgha mis-1.30pm sat-8pm tal-Hamis u jkun il-missier li jigborha mir-residenza tal-omm;**
- c. **Fil-gimgha li l-attrici ma tkunx ser tezercita l-*sleepover*, ghandu jkollha access ulterjuri matul il-gimgha u cjoe nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis minn wara l-iskola sas-7pm. Il-missier ghandu jigbor lill-minuri mill-iskola u jwassalha ghand in-nanniet materni;**
- d. **Oltre minn hekk kemm-il darba l-attrici jkollha *shutdowns* fis-Sajf jew fi zmien il-Milied, l-attrici ghandha dritt illi tezercita *sleepover* estiza ta' bejn tlett (3) ijiem u gimgha bi ftehim minn qabel mal-konvenut;**
- e. **Il-festi pubblici ghandhom jinqasmu b'mod alternat bejn il-partijiet irrispettiv mill-access regolari. Meta tinzerta festa pubblika li l-minuri tkun ser tqatta' mal-omm, l-attrici ghandha tigbor lill-minuri mir-residenza tal-missier fl-10am u tirritornaha fis-7pm.;**
- f. **Il-Milied ghandha tqatta' Milied ma' parti u l-Ewwel tas-Sena mal-parti l-ohra b'mod alternanti minn sena ghal sena. L-attrici ghandha tigbor lill-minuri fl-4pm tal-gurnata precedenti tal-festa li tkun tmiss lilha u tirritornaha fit-8pm dakinhar tal-festa;**

5. **Tichad il-hames talba limitatament kif diga provdiet fir-raba' provvediment;**
6. **Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-attrici tivversa s-somma ta' EUR 200 kull xahar ghall-minuri bint il-partijiet liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax (18)-il sena. Kemm-il darba l-minuri tibqa' tistudja fuq bazi *full-time* il-manteniment jibqa' dovut sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji taghha skont liema kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel;**
7. **Tilqa' s-seba' talba;**
8. **Tilqa' t-tmien talba b'dan li mhux necessarjament ghandha tkun l-attrici nnifisha izda l-minuri tista' titwassal minn membru tal-familja tal-attrici;**
9. **Tilqa' d-disa' talba;**
10. **Tilqa' l-ghaxar talba;**
11. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax-il talba';**
12. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax -it talba';**

**Il-Qorti qed tilqa' jew tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ghat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-intimat kif fuq indikat.**

**Spejjes ghandhom jigu sopportjati mill-partijiet nofs bin-nofs.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**